MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Numru 356/2009

Il-Pulizija

(Spett Ann Marie Micallef)

vs

Mohamed Bach Sakka

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita numru 23051(A) akkuzat talli fil-21 ta' Mejju 2008 ghal habta tas-6.45pm fi Triq ix-Xatt Sliema:

- volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' vettura tal-ghamla Mitsubishi Colt bin-numru ta' registrazzjoni ABQ 769 a detriment ta' Bach Sakka Rachelle liema hsara ma' tiskorriex €1164.69 imma izjed minn €116.47.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti dak li jirrisulta ikkontestat huwa:

- li l-imputat u l-kwerelanta kienu mizzewgin u fil-mori ta' dawn il-proceduri kien hemm pendenti kawza ta' separazzjoni bejnithom;
- li s-separazzjoni 'de facto' sehhet fl-1 ta' Mejju 2007;
- li l-vettura meritu l-kawza kienet fil-pussess effettiv tal-kwerelanta u registrata f'isimha;

Intant, fil-konfront din il-vettura, l-kwerelanta qeghda tallega li l-imputat baraxha waqt li hi flimkien ma' ommha kienu x-Xatt tas-Sliema. Fil-waqt li l-kwerelanta tghid li rat lill-imputat man-naha tal-vettura u baraxha, ommha qalet li hekk kif hargu mill-hanut jismu 'Zara' u ser jaqsmu it-triq biex imorru ghal-karozza rat lill-imputat ihoqq mal-vettura fuq in-naha taghha tax-xellug u osservatu jimxi fuq dan il-gemb ghal darbtejn. Dwar il-vettura jirrisulta minn dokument ufficjali li meta nxtrat in-numru ta' registrazzjoni taghha kien MOM476 u dana baqa hekk sas-19 ta' Frar 2008 meta nbidel u sar ABQ769. L-imputat, li kostantement cahad l-akkuza, kemm fix-xhieda tieghu u anka fl-istqarrija li kien irrilaxxja lill-Pulizija jistqarr li huwa kien jaf bl-ewwel numru, li kien wiehed personalizzat, izda mhux bit-tieni li sar meta huwa kien gja issepara 'de facto' minn ma' martu. Fattur iehor li din l-Qorti jidrilha ghandu l-piz tieghu fid-determinazzjoni tal-vertenza hu li l-vettura kellha bzonn wisq aktar riparazzjonijiet fuq il-qafas taghha mit-€300 stmati u mhallsa lit-tellar tal-allegata barxa li kienet urietu l-kwerelanta. Fil-kuntest ta' din il-barxa wkoll ma ngabet ebda prova li turi jekk kinitx friska jew le.

Fuq dawn il-provi u in mankanza ta' imqarr ritratt li juri l-barxa kemm fl-entita' u l-estensjoni taghha, l-Qorti mhiex sodisfatta li l-prosekuzzjoni ippruvat l-akkuza sal-grad li timponilha l-ligi

Inghad dan ghalhekk qeghda tiddikjara l-imputat mhux hati tal-akkuza riportata kontra tieghu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------